MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

22 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.35pm. Kulħadd kien preżenti.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li l-Avukat Helen Caruana ikkummentat li l-*venue* ta' fejn saret il-laqgħa tal-Kunsill kienet imnizzla bħalha Ċentru Parrokkjali. Din ha tiġi rranġata.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

14.3.1 *Slow Streets*

Is-Sur Cordina qal li fuq Slow Streets saret laqgħa u li din trid tiġi diskussa kif suppost, saħansitra jekk hemm bżonn isir sotto kumitat. Qal ukoll li hemm skema tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, liema flus ħa jingħataw lir-Reġjun, ta' madwar €3000 fejn ħa jingħata servizz ta' Perit min-naħa tal-Assoċjazzjoni li jaħdem ma' Transport Malta li hu ntiż f'dan ix-xogħol.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk dan il-Perit hux biex jiddiskutu liema triq. Is-Sur Cordina qal li l-Perit qiegħed biex jgħin fl-implimentazzjoni u jiggwida l-Kunsill fl-istadji kollha. L-Avukat Caruana qalet li konna isseħibna li m'għidnix li ħa nikkommettu ruħna. Is-Sur Cordina wieġeb li iva minħabba li wieħed ried jara x'tip ta' *enforcement* kien ħa jkun hemm.

Is-Sur Galea qal li meta ddiskutew l-platform ta' Stefania's Café kien qal li jsir xi design, *feasibility study* f'dik l-akwata u ċ-Ċentru tar-raħal jiġi *upgraded* b'xi porfido. Is-Sur Cordina qal li mhux bilfors iċ-Ċentru tar-raħal u trid issir ukoll konsultazzjoni mar-residenti u jsir studju.

L-Avukat Caruana qalet li marret *through the brochure* u rat li fil-fatt *Slow Streets* mhix biss għeluq ta' toroq u li bilfors irid jitneħħa t-traffiku imma wkoll li jkun hemm parti minn triq għan-nies sabiex jimxu, jiġru, jużaw ir-roti u *skateboards* bla periklu u jitħeġġeg l-eżerċizzju. Għalhekk ma jistax jitqies biss iċ-Ċentru tar-raħal. Is-Sur Cordina qal li per eżempju ġietu f'moħħu Triq Sant'Anton u diversi postijiet u dak li jkun jiġi bl-idejat anka mhux f'laqgħa uffiċċjali tal-Kunsill.

Is-Sur Bartolo qal li jekk qed jifhem sew jiġu identifikati l-areas u japplika kollox il-Perit tal-AKL. L-Avukat Brincat saqsa għala irridu nqabbdu bilfors il-Perit ta' Transport Malta u mhux il-kontra ningħataw il-flus u jsir ix-xogħol mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li l-iskema hi hekk u jew niffirmaw u nibbenefikaw u jiġi utiliżżat il-Perit tagħhom jew ma nieħdu xejn u ma jsir xejn. Is-Sur Cordina qal li jew jiġi ffirmat jew le.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk per eżempju forsi tingħalaq Triq il-Kbira għal saghtejn jew le.

Il-Perit Schembri qal li jaqbel li jiġi ffirmat għax il-fatt li ħa jkun hemm Perit ta' TM jista' jkun kwalunkwe perit għax dan ħa jagħti l-opinjoni tiegħu skont is-sena,u li fil-fehma tiegħu xi jmur f'areas partikulari. Finalment il-Kunsill ħa jiddeċiedi.

Is-Sur Cordina qal li jekk hemm l-*option* li dawn jingħataw lilna u nużaw il-Perit tal-Kunsill ok imma jekk jistgħu jintilfu l-flus aħjar jittieħdu skont il-kriterji milli jintilfu. Il-Perit Schembri qal ukoll li €3000 jistgħu iffissru ferm inqas jekk jintuża l-Perit tagħhom u mhux tagħna ġaladarba dan ikollu iktar minn Kunsill wieħed. Wieħed ħa jara x'aħjar isir u jiġi ċċekkjat dak li ntqal matul din il-laqgħa.

14.3.2 ***Ħ'Attard Football Club***

Is-Sur Cordina qal li kif kulħadd jaf il-Football Club rebaħ il-league u mill-iskema tar-Reġjun inxtraw trofej għall-premjazzjoni liema spiża tinsab fiċ-ċedola ta' pagamenti. Hu qal li però mhux għax hu ġie mitlub imma ġietu l-ideja li jagħmel ftit dawl tal-atmosfera bħal *uplighters.* Din l-ispiża minima peress li mhu sa jinħareġ xejn mill-Kunsill għall-premjazzjoni ġiet approvata.

14.3.3 ***Development Planning Fund***

Is-Sur Cordina qal li fuq dan il-fond fejn jidħol ambjent fejn qabel il-flus kienu 80% - 20%, 70% -30% issa ġew *fully funded.*

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

14.4.1 John P. Bonnici

- Propona li t-tarmak isir l-ewwel xogħol filgħodu biex ma jagħmilx reazzjoni.

14.4.2 Perit Giorgio Schembri

- Issuggerixxa li jsir xi *post* jew *leaflet* li jkollhom informazzjoni bħal per eżempju jekk fetħitx il-librerija pubblika, il-ġonna pubbliċi u ċertu servizzi tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal l-Kunsill baqa' għaddej normali u saru avviżi wkoll u bħal kull ħaġa oħra l-Kunsill dejjem jinforma n-nies bil-fb u forsi jista' anka fil-fuljett.

14.4.3 Avukata Helen Caruana

- Qalet avviċinawha xi resident fuq MC bays li mhux qed ikunu użati u xtaqet tgħaddi suġġeriment li ssir tabella biex muturi jipparkjaw biss fl-MC bays u mhux jieħdu parkeġġ ta' karozza. Is-Sur Cordina qal li legalment ma tistax issir la jħallsu l-liċenzja. U lanqas l-MC bays il-Pulizija ma jistgħux jieħdu azzjoni. L-Avukat Caruana qalet li forsi mela li jista' jsir hu li fir-Rivista li jmiss isir xi forma ta' messaġġ edukattiv li jinkoraġġixxi l-użu approprijat tal-*parking bays* skont il-marki indikatorji.
- Staqsiet fuq il-permess tal-Awtorità l-Ippjanar jekk ħarġitx il-permess tal-Uffiċċini. Is-Sur Cordina qal li le imma forsi anka ħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19

14.4.4 Victor Galea

- Qal proset fuq l-Uffiċċini l-ġodda.
- Qal li l-ħaddiema qed jagħmlu xogħol vera tajjeb, qed jieħdu x-xogħol bis-serjetà u jidher li s-Supervisor il-ġdid qed jagħti l-frott għax saħansitra l-ħaddiema jużaw il-*compactor* ra.

- Saqsa fuq il-pickup van. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender tagħlaq xi nofs Lulju. Hu qal li xtaq ikun involut fl-għażla tal-bidder biex jagħti parir.

## 14.5 Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena Jannar -Marzu 2020

14.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega fuq l-ispejjeż matul dawn it-tliet xhur u qalet li kien hemm ftit kambjament minħabba li ftit minnhom naqsu speċjalment fejn jidħlu paġi minħabba li kienu b'ħaddiem inqas, ir-repairs naqqsu wkoll minħabba li kienu għadhom b'ħaddiem inqas allura sar inqas volum ta' xogħol, *street lighting* kien hemm inqas tiswijiet għax ma tantx għamlet xita u kien hemm inqas ħsarat, refuse collection kien hemm kambjament u żdiedu ċertu servizzi speċjalment il-*bulky refuse* fejn l-ammont ta' gbir ta' skart bulk tela' għal fuq 300 gabra fix-xahar sew, non-urban naqas ftit ir-rimi tal-iskart imma f'tipping fees żdied l-ammont minħabba li żdiedu n-nies u qed jiġi nkluż fl-invoices kull rimi ta' skart iġġenerat mill-knis u rimi ieħor. Qalet ukoll li l-*Community Services* varjaw bi ftit imma mistenni li jkun hemm drop sew fix-xhur li ġejjin, li office services varjaw ftit skont ix-xiri ta' bzonnijiet u l-istess il-*Professional Services*. Bħalħa budget qalet li qegħdin tajjeb b'14% fl-FSI. Dan ir-rapport jinsab *online* ukoll. Ir-rapport ġie approvati

## 14.6 Approvazzjoni ta' Rapport Annwali Amministrattiv 2019

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport sar biex jitniżżel dak kollu li sar matul is-sena li għaddiet u huma dettalji importanti sabiex jinżamm record ta'x-xogħol kollu li sar kemm taħt aspett tekniku kif ukoll amministrattiv. Ir-rapport ġie approvat.

## 14.7 Rapporti

14.7.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 14.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

14.8.1 Is-Sur Cordina skuża ruħu minħabba li kellu jniżżel fl-Aġenda li se jiddiskutu l-ġurnata għall-Jum Ħ'Attard. Għalhekk ħalla f'idejn is-Sur Bartolo sabiex jitkellem hu. Is-Sur Bartolo qal li sab żewġ dati mportanti li huma 8 ta' Ġunju 1994 meta ltaqa' l-ewwel Kunsill u 26 ta' Marzu 1975 meta Ħ'Attard sar parroċċa, indipendenti u nqata' minn Ħal-Lija, Birkirkara u Ħal Balzan. Hu qal li l-opinjoni tiegħu hi li d-data għandha tkun 26 ta' Marzu għax hi l-aħjar data u jsir l-ewwel Ġimgħa ta' wara. Ippropona wkoll li jsir artiklu li tiġi spjegata għalfejn saret din l-għażla. Is-Sur Cordina propona li ssir mozzjoni sabiex tkun uffiċċjalizzata. Is-Sur Bartolo qal li hu jipproponi u l-Avukat Caruana tissekonda.

Is-Sinjura Scerri qalet li ma taqbilx mad-data għax għaliha id-data għandha tkun is-6 ta' Mejju 1995 meta nfetaħ uffiċċjalment il-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ma nfetaħx uffiċċjalment dakinhar imma fit-8 ta' Ġunju 1994. Dakinhar sar tberik ta' lapida kommemorattiva fl-okkażjoni tal-50 sena mill-Gwerra u ġiet inawgurata mis-Sindku ta' dak iż-żmien il-Professur Henry Frendo sena wara l-ftuħ uffiċċjali tal-Uffiċċini tal-Kunsill fit-8 ta' Ġunju 1994.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma jistax ikun li l-ftuħ uffiċċjali tal-Uffiċċini sar 6 ta' Mejju 1995 meta l-ewwel laqgħa kienet 8 ta' Ġunju 1994. Anka minħabba l-fatt li hi ġiet impjegata fl-1 ta' Ottubru 1994 u l-Kunsill kien ilu jopera ġa erba' xhur.

Is-Sur Bartolo qal li Jum Ħ'Attard mhux sinonimu mal-Kunsill imma mal-Parroċċa meta Ħ'Attard sar raħal inkella jiġi Jum il-Kunsill mhux Jum Ħ'Attard. Is-Sur Cordina qal li kulħadd għandu dritt għall-opinjoni filwaqt li s-Sinjura Scerri baqgħet tinsisti li d-data għandha tkunu sinonima mal-Kunsilll u mhux mar-raħal.

Is-Sur Cordina qal li l-ideja tas-Sur Bartolo għoġbitu ħafna. Il-Perit Schembri qal li Ħ'Attard m'huwiex biss il-Kunsill imma l-baned l-assoċjazzjonijiet u ħafna nies oħra.

L-Avukat Caruana qalet li meta ssuggeriet id-data f'moħħha kellha l-awtonomija tar-raħal u li vera l-Kunsill qed jorganiżżah imma mhijiex festa tal-Kunsill imma festa ta' Ħ'Attard kollu.

L-Avukat Brincat qal li kulħadd jiġi bil-proposta tiegħu u jittieħed vot. Is-Sindku qal li l-aħjar flok vot issir mozzjoni. Kulħadd qabel.

## 14.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

14.9.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq item 31 imma kienet ġa ingħatat spjega qabel rigward it-trofej tal-Football Club. Xtaqet ukoll spjega fuq nos: 92-116 Veterinary Services dwaru x'inhu l-arranġament fuq dawn is-servizzi tal-Animal Stray Support Group. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ħarget skema u f'Diċembru kien ġie ffirmat kuntratt li fih l-Kunsill ingħata s-somma fuq €6,000. Għal din l-iskema intliet applikazzjoni u nġabbru kwotazzjonijiet skont il-liġi u l-ftehim propju kien li s-servizz jitħallas direttament lis-*Service Provider* kif qed isir. Il-flus iridu jiġu utilizzati sal-aħħar tas-sena 2020 u fl-aħħar tas-sena jintbagħtu kopja tal-irċevuti u paġamenti lill-Animal Welfare.

## 14.10 Mozzjonijiet; u

14.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 14.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.32pm u ġiet aġġornata għat-20 ta' Lulju 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Lulju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |